# Il-gwarniġġjun tal-Mellieħa u ta' Malta fl-1940, f'għeluq is-sebgħin anniversarju tal-ewwel attakki

CHARLES DEBONO



## Introduzzjoni

Din is-sena, eżattament il-11 ta' Ġunju, jaħbat is-sebgħin anniversarju ta' meta Malta sabet ruħha fil-kunflitt tat-Tieni Gwerra Dinjija. Il-Mellieħa kienet tagħmel parti integrali mis-sistema nazzjonali ta' difiża tal-gżejjer, speċjalment minħabba l-fatt li l-Awtoritajiet Militari Ingliżi dejjem ħasbu li jekk l-għadu jiddeċiedi li jinvadi Malta, se jiżbarka fit-tramuntana tal-gżira.

F'dan l-artiklu se nitkellem dwar il-battaljuni li kien hawn stazzjonati fil-Mellieħa u f'Malta in ġenerali. L-artiklu jagħti ħarsa qasira x'kienu l-konsegwenzi li waslu għall-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija u r-raġuni għaliex intbagħtu battaljuni għad-difiża ta' Malta, b'emfasi ewlenija fuq il-Mellieħa. Se naraw x'kienu l-elementi li kienu jiffurmaw il-gwarniġġjun ta' Malta matul l-1940.

*Ritratt meħud mill-ajru tal-Mellieħa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.*



## Il-battaljuni li kien hawn fil-Mellieħa u f'Malta fl-1938-39

Wara li Adolf Hitler, tela' fil-poter f'Marzu 1933, sena u nofs wara (Awwissu 1934) sar il-Fuhrer tal-Ġermanja Nażista, il-mexxej assolut. Sena wara beda bl-espansjoni tal-Ġermanja b'mezzi paċifiċi; l-unjoni tar-Reġjun Saar ma-Ġermanja fl-1 ta' Marzu 1935, l-okkupazzjoni taz-zona demilitarizzata tar-Rhineland (7 ta' Marzu 1936), u l-*Anschluss* (Annessjoni) mal-Awstrija (12 ta' Marzu 1938). Wara l-*Anschluss* hu tefa' ħarstu fuq l-etniċi Ġermaniżi li kienu jgħixu fis-Sudetenland, fiċ-Ċekoslovakkja. Kien matul il-kwistjoni tas-Sudetenland (Marzu-Settembru 1938), li l-Awtoritajiet Ingliżi f'Londra indunaw li beda tiela' sħab iswed fuq l-Ewropa. Għalhekk bdew jaħsbu kif se jibdew isaħħu l-Forzi Armati, kif ukoll il-postazzjonijiet tagħhom fl-Imperu, inkluż f'Malta. Għalkemm il-kwistjoni tas-Sudentaland ġiet mitmuma bil-Ftehim ta' Munich fit-30 ta' Settembru 1938, Hitler dawwar ħarstu fuq l-etniċi Ġermaniżi ta' Danzig fil-Polonja.[1]

Għalhekk, l-Ingliżi ħasbu biex jibdew jibnu gwarniġġjun imdaqqas għad-difiża ta' Malta. Kien f'Lulju (matul il-Kwistjoni tas-Sudentenland) tal-istess sena li waslet l-ewwel unità, li kienet it-2 Battaljun tad-*Devonshire Regiment.* It-2 Battaljun tad-*Dorsetshire Regiment* wasal f'Malta f'Ġunju 1939 fl-eqqel tal-



*Suldati mit-2 Battaljun tar-Royal Irish Fusiliers jwaqqfu barbed wire fil-Mistra.*

kwistjoni dwar il-futur ta' Danzig fil-Polonja. It-tieni battaljun li wasal fl-istess sena kien it-2 Battaljun tal-*Queen's Own Royal West Kent Regiment*, li wasal f'Awwissu, ftit qabel ma l-Ġermanja invadiet lill-Polonja It-2 Battaljun tar-*Royal Irish Fusiliers* wasal f'Malta f'Settembru 1939 fi żmien meta kienet għada kif ġiet iddikjarata gwerra fuq il-Ġermanja mill-Alleati.[2]

## It-2 Battaljun tar-*Royal Irish Fusiliers*, 1939-40

Wara li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija u r-*Royal Irish Fusiliers* żbarkaw f'Malta, intbagħtu fin-naħa ta' fuq ta' Malta, eżattament fl-inħawi tal-Mellieħa fejn kellhom l-inkarigu li jkomplu jsaħħu d-difiżi tar-raħal, billi jibnu *beach-posts*, jwaqqfu *barbed-wire* u jpoġġu mini tal-art fix-xtajtiet tar-ramel. Apparti hekk huma kellhom id-dmir li jiddefendu dawn id-difiżi b'armi ħfief bħal *machine-guns* tat-tip *Vickers 0.303-inch, Bren guns* u azzarini tat-tip SMLEs. Milli jidher madwar April tal-1940 sar il-bdil mal-1 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment* u d-difiża tar-raħal tal-Mellieħa waqgħet f'idejn dawn tal-aħħar.[3]

## L-1 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment* u l-gwarniġġjun ta' Malta, 1939-40

L-1 Battajun tal-*King's Own Malta Regiment* ġie ffurmat fis-26 ta' Awwissu 1939. F'Novembru tal-istess sena l-gwarniġġjun ingħata titlu ta' brigada,[4] u f'Malta kien hawn stazzjonati dawn il-battaljuni li ġejjin:

L-1 Brigada tal-Fanterija ta' Malta

- L-1 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*
- It-2 Battaljun tad-*Devenshire Regiment*
- L-1 Battaljun tad-*Dorsetshire Regiment*
- It-2 Battaljun tal-*Queens's Own Royal West Kent Regiment*
- It-2 Battaljun *Royal Irish Fusiliers*.[5]

L-1 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment* kien allokat fil-Barrakki ta' San Ġorġ, fil-Bajja ta' San Ġorġ. Wara li tlesta l-iffurmar tal-battaljun ġie trasferit fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa għal iktar taħriġ, sakemm ġie stazzjonat

*It-tieni Bajja ta' Għajn Tuffieħa fi żmien il-gwerra. Taħt jidher il-barbed wire imqiegħed mis-suldati.*



il-Mellieħa. Malli l-battaljun lesta t-trasferiment tiegħu, beda mill-ewwel bix-xogħol ta' tqegħid ta' *barbed wire*, mini tal-art fix-xtajtiet tar-ramel, kif ukoll okkupa d-diversi *beach-posts* u *depth-posts* li kienu diġà nbnew.

Fl-1940 il-Logotent-Kurunell R. Peyton-Reid intgħażel bħala kmandant tal-battaljun u l-Kaptan Nicholls bħala Ajjutant tal-battaljun. L-1 Battaljun kien inkarigat li jiddefendi Bajda Ridge, il-Mellieħa, il-Bajja tal-Għadira u Marfa Ridge. Il-battaljun kellu sitt kumpaniji, li kienu Kumpanija Kwartier Ġenerali, Kumpanija "A", Kumpanija "B", Kumpanija "Ċ", Kumpanija "D" u Kumpanija "E". Il-kmandanti tal-kumpaniji kienu dawn li ġejjin:

- Kumpanija Kwartier Ġenerali: Kaptan A.P. Briffa
- Kumpanija "A": Kaptan A.A. Cassar Torregiani
- Kumpanija "B": Kaptan H. Sant Cassia
- Kumpanija "Ċ": Kaptan F. Zammit Cutajar
- Kumpanija "D": Kaptan V. Castillo
- Kumpanija "E": Maġġur A.J. "Bebe" Calascione[6]

Kumpanija "A" ġiet stazzjonata fir-raħal tal-Mellieħa u kienet responsabbli li tiddefendi l-*beach-posts* tal-Bajja tal-Għadira; MB1, MB2 u MB3, kif ukoll xi *depth-posts*; L5, L6, L7 u L8 u l-Kwartier Ġenerali tal-Kumpanija kien fil-Mellieħa stess. Kumpanija "B", li kellha l-Kwartier Ġenerali tal-Kumpanija fil-Palazz ta' Selmun, kienet inkarigata mid-difiża tas-settur tal-Lvant tal-Mellieħa sal-Gżejjer ta' San Pawl u l-perimetru ta' Forti Campbell. Kumpanija "Ċ" kellha inkarigu li tiddefendi Marfa Ridge, il-Lvant ta' Triq il-Marfa sal-moll tal-Marfa. Il-Kwartier Ġenerali tal-Kumpanija kien stabbilit f'waħda mill-*bungalows* li kien hemm. Kumpanija "D" kienet responsabbli mid-difiża ta' Marfa Ridge fil-punent tat-Triq il-Marfa u l-Kwartier Ġenerali tal-Kumpanija kien fit-Torri l-Aħmar. Interessanti li din il-kumpanija kienet magħmula biss minn Għawdxin. L-aħħar waħda, Kumpanija "E" kellha l-inkarigu li tiddefendi Bajda Ridge, bil-Kwartier Ġenerali tal-Kumpanija jkun f'wieħed mill-għerien li hemm.[7]

## Kif kien kompost il-gwarniġġjun ta' Malta fl-1940

Fl-1940 il-gwarniġġjun ta' Malta kien jikkonsisti minn dawn l-elementi:

L-Ewwel Brigada tal-Fanterija ta' Malta minn Jannar sa Lulju 1940
- It-2 Battaljun tad-*Devonshire Regiment*
- L-1 Battaljun tad-*Dorsetshire Regiment*
- It-2 Battaljun tal-*Queen's Own Royal West Kent Regiment*
- It-2 Battaljun tar-*Royal Irish Fusiliers*
- L-1 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*
- It-2 Battaljun tal-*King's Own*

*Ritratt mill-ajru ta' Forti Campbell u l-gżejjer ta' San Pawl meħud wara tmiem il-gwerra.*





*Uffiċċjali tal-1 Battaljun tal-KOMR fil-Mellieħa, 1940.*

*Malta Regiment*
• It-8 Battaljun tal-*Manchester Regiment*
• It-3 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*[8]

It-8 Battaljun tal-*Manchester Regiment* wasal f'Malta fl-20 ta' Mejju 1940 minn Ġibiltà u immedjatament ġie sparpaljat mal-gżira kollha. Fl-10 ta Novembru tal-istess sena wasal f'Malta r-4 Battaljun tar-*Royal East Kent Regiment*, jew kif kienu magħrufin aħjar bħala l-*Buffs*. Fl-1941 il-battaljun ġie amalgamat mal-Brigada tat-Tramuntana.[9]

Wara li l-Italja ddikkjarat gwerra fuq l-Alleati fl-10 ta' Ġunju 1940 u l-għada Malta sabet ruħha fit-taqbid, għaddew xahar u nofs sakemm ittieħdet deċiżjoni din il-formazzjoni tinbidel taħt din in-nomenklatura:

Il-Brigada tal-Fanterija tat-Tramuntana ta' Malta (minn Awwissu 1940 'il quddiem)
• It-2 Battaljun tar-*Royal Irish Fusiliers*
• It-8 Battaljun tal-*Manchester Regiment*
• L-1 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*
• It-2 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*

Il-Brigada tal-Fanterija tan-Nofsinhar ta' Malta (minn Awwissu 1940 'l quddiem)
• It-2 Battaljun tad-*Devonshire Regiment*
• L-1 Battaljun tad-*Dorsetshire Regiment*
• It-3 Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*
• It-2 Battaljun tal-*Queen's Own Royal West Kent Regiment*[10]

### Jappoġġjaw lill-fanterija kien hemm dawn l-unità li ġejjin:

*Royal Malta Artillery:*
L-1 Riġment tal-Artillerija Tqila tal-kosta ta' Malta:
L-1, it-2, it-3, ir-4 Batteriji tal-Kosta, li f'idejhom kellhom 11–il kanun tat-tip *6-inch*, 6 kanuni tat-tip *12-pdr*, 9 kanuni tat-tip *Twin 6-pdr*.
It-2 Riġment tal-Artillerija Tqila ta' kontra l-Ajruplani:
Il-5, is-6 Batteriji Tqal ta' Kontra l-Ajruplani; kull grupp b'4 kanuni tat-tip *3-inch 20cwt* jew *3.7-inch* ta' kontra l-Ajruplani.
Id-9 Artillerija Tqila ta' kontra l-Ajruplani (minn Novembru 1940) 'il quddiem); kull grupp b'erba' kanuni tat-tip *3.7-inch* ta kontra l-Ajruplani.
Is-7, it-8 Batterija tas-*Searchlights.*
L-10 Batterija żgħira ta' kontra l-Ajruplani (minn Novembru 'l quddiem); kull grupp b'erba' *40mmL60 Bofors* ta' kontra l-Ajruplani.
Il-11 il-Riġment Kanuni Tqal ta' kontra l-Ajruplani:
L-20, il-21 Batteriji Tqal ta' kontra l-Ajruplani; kull grupp b'4 kanuni tat-tip *3.7-inch* ta' kontra l-Ajruplani.
It-22 Batterija Tqila ta' kontra l-Ajruplani (minn Settembru 1940 'l quddiem); kull grupp b'erba' kanuni tat-tip *3.7-inch* ta' kontra l-Ajruplani.

*Royal Artillery:*
Ir-4 Riġment tal-Artillerija tal-Kosta b'seba' kanuni tal-kosta tat-tip *9.2-inch*.
Id-59 Batterija Żgħira ta' kontra l-Ajruplani; kull batterija b'erba' kanuni tat-tip *40mmL60 Bofors*.
Is-7, L-10 Riġment ta' kontra

l-Ajruplani, kull:
3 Batteriji, kull waħda b'erba kanuni tat-tip *3-inch 20cwt* jew *3.7-inch* ta' kontra l-Ajruplani.
Ir-4 Reġiment tas-*Searchlights*:
L-1 Batterija tar-*Royal Artillery*,
L-1 Batterija tar-*Royal Malta Artillery*.
Is-26 Reġiment ta' kontra Tankijiet tal-Gwerra:
Batterija Waħda: żewġ gruppi b'4 kanuni tal-kampanja tat-tip *3.7-inch*–il wieħed, 6 trakkijiet u *Machine-guns* żgħar.
Batterija Waħda: żewġ gruppi b'erba' kanuni tal-kampanja tat-tip *6-inch*–il wieħed, sitt *lorries*, żewġ *machine-guns* żgħar ta' kontra l-Ajruplani.

**Korpi Awżiljarji ta' Malta**
Il-Forza Voluntiera għad-Difiża ta' Malta (minn Ġunju 1940 il quddiem) (magħrufa iktar tard bħala *Home Guard*).
Is-16, l-24 Kumpaniji ta' l-Enġiniera Irjali.
L-1, it-2 Kumpaniji tal-Artiġjana ta' Malta.
Nru 1, Nru 2 Kumpanija tad-Dispożizzjoni tal-Bombi.
Il-Batterija ta' Kontra l-Ajruplani Żgħira Irjali ta' Sant'Anglu: armati b'*Lewis guns*, skrivana eċċ bħala ekwipaġġ.[11]

**Appoġġ għall-Brigada**
Kwartier Ġenerali tal-Brigada (Ħames sezzjonijiet tar-*Rifles*, erba' *lorries*, karozza)

**ELEMENTI PRINĊIPALI TAT-TAQBID**

**Battaljun tal-Fanterija, *King's Own Malta Regiment***
Kwartier Ġenerali tal-Battaljun (Tliet sezzjonijiet tal-azzarin).
Erba' Kumpaniji, kull waħda: Kumpanija Kwartier Ġenerali (Waħda (6 suldati) Sezzjoni tal-azzarin).
Erba' platuni, kull waħda: 3 sezzjoni tal-azzarin, 3 *Machine-guns* żgħar.
Platun ta' *Machine-guns*: Erba *Machine-guns* medji tat-tip *Vickers* (sitt suldati bħala ekwipaġġ).

**Battaljun tal-Fanterija Ingliża**
Kwartier Ġenerali tal-Battaljun (Żewġ sezzjonijiet tal-azzarin, vettura militari, 2 trakkijiet)
4 Kumpaniji, kull waħda: Kwartier Ġenerali tal-Kumpanija (Wieħed (13–il suldat) sezzjoni tal-azzarin).
Tliet platuni, kull waħda: 1 (seba' suldati) Sezzjoni Kwartier Ġenerali tal-azzarin, *2-inch mortar*, Wieħed *Boys Anti Tank Rifle*.
3 (Għaxar suldati) sezzjonijiet tal-azzarin, 3 *Machine-guns* żgħar.
Kumpanija tal-Appoġġ: Kumpanija Kwartier ġenerali (Sezzjoni waħda tal-Azzarin)
Platun Wieħed: Żewġ *3-inch mortars*, żewġ trakkijiet.

*Uffiċċjali tal-1 Battaljun tal-KOMR fil-Mellieħa, 1940.*



Platun wieħed: erba' *Bren guns* ta' kontra l-ajruplani doppji fuq trakkijiet, 4 Boys Anti *Tank Rifle.*
Platun Wieħed: Żewħ Sezzjonijiet tal-Azzarin/Enġiniera, Trakk tal-istores wieħed.
Platun Wieħed: Kwartier Ġenerali (*Bren Gun carrier* wieħed, *Machine-gun* Żgħir.
3 sezzjonijiet, kull waħda: tliet Bren carriers, 3 Machine-guns Żgħar, Waħda (sitt suldati sezzjoni tal-azzarin).[12]

**Konklużjoni**

Hekk rajna kif kien kompost il-gwarniġġjun tal-Mellieħa u Malta b'emfasi dettaljata fuq il-gwarniġġjun tal-Mellieħa. Għalkemm fil-bidu tal-gwerra fil-Mellieħa kien hemm stazzjonati r-*Royal Irish Fusiliers*, ma tantx għadda żmien li ma nbidlux mal-1 *Battaljun tal-King's Own Malta Regiment*, fejn dan tal-aħħar ġie stazzjonat f'naħa oħra tal-ġzira. Meta fl-Lulju tal-1942 Malta nqasmet f'erba' zoni ta' difiża l-Mellieħa saret tagħmel parti mit-tieni brigada.

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, il-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

**Referenzi:**
**(Endnotes)**

1 Informazzjoni riċerkata għall-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra u impoġġija f'interpretazzjoni li hemm fl-istess mużew. Dak li jkun jista' jara iktar dettalji f'Sezzjoni B u Ċ respittivament tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra.
2 Ibid.
3 M. Gunlife., *The Royal Irish Fusiliers 1793-1963,* (Ingilterra, 1970), pp 393-394.
4 Kapt. J.M. Wismayer., *The History of the King's Own Malta Regiment and the Armed Forces of the Order of St. John*, (Malta, 1989), p 185.
5 M. Bevis., *British and Commonwealth Armies 1939-45: Suplement Volume 2*, (Ingilterra, 2005), p 61
6 Wismayer, pp 185-191.
7 Ibid, pp 191-193.
8 Bevis, p 62.
9 Ibid.
10 Ibid.
11 Ibid.
12 Ibid, pp 62-63.




# Philip Borg Fuel Supplier






**For Heating Gas Oil, Diesel, Bio Diesel, Kerosene & LPG**

'Pearl',85 Triq in-Ninfa Calypso Mellieħa MLĦ 1914, Malta
***Tel:*** 21521085, ***Fax:*** 21523212, ***Mob:*** 99491177
***Email:*** phiborg@go.net.mt